# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/983

## tal-15 ta' Mejju 2023

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Grupp ta' Esperti tal-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR), fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti u, jekk rilevanti, fir-rigward ta' komunikazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR, fir-rigward ta' emenda għall-introduzzjoni ta' klawżola ta' "force majeure"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) ([1]) daħal fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 1976. Dan ġie emendat l-aħħar fl-20 ta' Settembru 2010.

(2) Skont l-Artikolu 21 tal-AETR, proposti ta' emendi għall-Ftehim jistgħu jiġu ppreżentati minn kwalunkwe Parti Kontraenti lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Qabel ma jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-proposti l-ewwel jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq ('SC.1') tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).

(3) In-NU/KEE stabbilixxiet Grupp ta' Esperti fil-qafas tal-AETR. Dak il-grupp huwa korp li għandu s-setgħa li jiżviluppa u jissottometti proposti biex jiġi emendat l-AETR lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE.

(4) Il-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR, matul it-32 sessjoni ppjanata tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2023, għandu jiddiskuti proposta mir-Repubblika tal-Belarussja u l-Federazzjoni Russa biex jiġi emendat l-Artikolu 4 tal-AETR billi tiġi introdotta klawżola ta' "force majeure", kif stabbilit f'ECE/TRANS/SC.1/GE.21/2023/2/REV 1.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR, u possibbilment fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE, peress li l-emenda għall-AETR li huma ser jiġu mitluba jikkunsidraw u japprovaw tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(6) tal-AETR u tkun kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 ([2]) u (UE) Nru 165/2014 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(6) Fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Marzu 1971, fil-Kawża 22/70 ([4]), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet li l-qasam tal-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Minn dak iż-żmien, din il-kompetenza ġiet eżerċitata f'ħafna atti leġiżlattivi adottati mill-koleġiżlaturi tal-Unjoni, inkluż ir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014. Peress li s-suġġett tal-AETR jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, is-setgħa li jiġi nnegozjat u konkluż l-AETR u l-modifiki tiegħu hija esklużivament tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 95, 8.4.1978, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-regolament tal-kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

([4]) ECLI:EU:C:1971:32.

(7) L-emenda proposta għandha l-għan li ssolvi problema prattika tar-Repubblika tal-Belarussja u tal-Federazzjoni Russa li x'aktarx hija r-riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, li fiha ir-Repubblika tal-Belarussja għandha rwol ta' kompliċi, u li wasslet għall-applikazzjoni mill-Unjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja. Dawk il-miżuri restrittivi rriżultaw, fost konsegwenzi oħra, fis-sospensjoni minn ċerti kumpanniji stabbiliti fl-UE, inkluż kumpanniji li normalment jipprovdu kards u ċipep diġitali tat-takografu lill-awtoritajiet emittenti tal-kards tal-Federazzjoni Russa u tal-Belarussja, tal-operazzjonijiet tagħhom f'dawk iż-żewġ pajjiżi u magħhom. B'riżultat ta' dan dak iż-żewġ Partijiet Kontraenti jiddikjaraw li jinsabu f'pożizzjoni fejn huwa diffiċli jew impossibbli li jwasslu kards tat-takografu lis-sewwieqa f'dawk il-pajjiżi, li għalhekk ma jistgħux jikkonformaw mal-AETR meta jkunu involuti f'operazzjonijiet internazzjonali tat-trasport bit-triq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. L-emenda proposta tippermetti li Parti Kontraenti tinnotifika b'mod unilaterali li ma tistax tibqa' tissodisfa wieħed mir-rekwiżiti ewlenin tal-AETR, jiġifieri l-użu ta' tagħmir ta' reġistrazzjoni armonizzat għal vetturi involuti fit-trasport internazzjonali (it-takografu diġitali), għal raġunijiet ta' "force majeure" li ma jkunux soġġetti għal xi tip ta' validazzjoni jew valutazzjoni.

(8) Wara dikjarazzjoni ta' "force majeure" minn Parti Kontraenti, l- emenda prevista tippermetti li l-użu ta' takografi diġitali u ta' kards diġitali tat-takografu għal vetturi rreġistrati ma jkunx meħtieġ f'dik il-Parti Kontraenti meta tkun involuta f'operazzjonijiet internazzjonali tat-trasport bit-triq. Għalhekk, dan jagħmel l-infurzar tal-konformità tas-sewwieqa mal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ kif stabbilit band'oħra fl-AETR ferm aktar diffiċli, u joħloq lakuna li x'aktarx tikkomprometti l-iskop kollu tal-AETR.

(9) Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR u fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE jenħtieġ li tkun li ma tappoġġax l-emenda proposta, sabiex jiġi evitat li l-infurzar tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ stabbiliti fl-AETR jiddgħajjef b'mod sinifikanti, u biex jiġi żgurat l-effett sħiħ tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni.

(10) Ma jistax jiġi eskluż li r-Repubblika tal-Belarussja jew il-Federazzjoni Russa tippreżenta proposta formalment lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR biex l-AETR jiġi emendat irrispettivament mid-diskussjonijiet fil-korpi tan-NU/KEE. F'dan il-każ, l-Istati Membri jenħtieġ li joġġezzjonaw għal dik il-proposta skont l-Artikolu 21(2), il-punt (a), tal-AETR.

(11) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Grupp ta' Esperti tal-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fit-32 sessjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR) u, kif rilevanti, fis-sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti, għandha tkun li l-emenda proposta għall-AETR kif stabbilita f'ECE/TRANS/SC.1/GE.21/2023/2/REV 1 biex tiġi inkluża klawżola ta' "force majeure" ma tiġix appoġġata, kif ukoll li ma tiġi appoġġata l-ebda emenda simili fis-sustanza.

2. Il-pożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Grupp ta' Esperti tal-AETR u tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport bit-Triq tan-NU/KEE, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

Jekk is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti jikkomunika lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 21(1) tal-AETR, li kwalunkwe Parti Kontraenti, irrispettivament mid-diskussjonijiet fil-korpi tan-NU/KEE, formalment ipproponiet l-emenda stabbilita f'ECE/TRANS/SC.1/GE.21/2023/2/REV 1 fir-rigward tal-inklużjoni ta' klawżola ta' "force majeure" jew kwalunkwe emenda simili fis-sustanza, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni għandha tkun ta' oġġezzjoni għall-proposta skont l-Artikolu 21(2), il-punt (a), tal-AETR.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. FORSSMED